# KIF L-ISPONOŻ JIMXU

Niftakar mita darba fil-Każin tal-Banda d-diskors waqa' fuq l-isponoż għax kien ingħad li ntilfet, għal dik il-ħabta, skuna Griega minn dawk li jistadu l-isponoż, mhux bogħod minn Għawdex. Kullħadd qal tiegħu u s-sur Nikol is-surmast tal-iskola deherlu li kien xieraq li jgħid xi ħaġa fuq l-isponoż biex jiftaħ daqsxejn il-moħħ tal-ħbieb imdawrin madwaru f'dik is-siegħa tal-mistrieħ.

" Dawn l-isponoż," qal is-sur Tonin, " mhumiex ħaxix tal-
" baħar, kif semma Dejdu, huma annimali żgħar bħal l-artikli
" mgħaqqda sfieq fuq qiesha siġra tal-qroll, saff fuq saff, ħajja
" waħda, bil-għeruq imwaħħla ma' blata, ma' ħaġra, ma' qiegħ
" il-baħar, dejjem f'post wieħed, igħixu biss minn dak li jġibil-
" hom l-ilma li għaddej dejjem mill-eluf ta' toqob u ta' kanali.
" Jikbru, itammru f'dik ix-xeħda tarija donnha bukkett tal-fjuri
" u li tieħu sura li tidbiddel mal-art fejn titrabba u mill-baħar
" li fih nibtet.

" Il-għaddas, ħafif daqs ħuta, jinżel fuq ir-roqgħa sponoż
" li jkun lemaħ mill-wiċċ u b'sikkina jaqta' minn fuq il-għeruq
" dik li jidhirlu li tgħodd għalih u li ma tkunx għada nejja
" għax dik ma tinbiegħx tajjeb.

" L-isponoż li jinqabdu jingħażlu, jitqasqsu, biex jagħtu-
" hom sura li tingħoġob u nbagħad jitħammlu, jissaffew, jit-
" bajjdu u jitqassmu skond is-suq tal-pajjiż fejn jinbiegħu."

—" Din nibilgħuha mast?" qal Peppi tal-katuba.

—" Jien għedt il-biċċa kif inhi," kompla is-surmast, daqs-
" xejn imdarras, u int ibla' li trid." Jien m'inix bħalek li
" tgħajjat bil-qubbajt tal-lewż u tal-pistaċċi mita ma jkunx fih
" ħlief ċiċri u karawett.

—" Ixrob fuq diż-żebbuġa," qabeż Doru tal-obwe, " Jien
" naħseb li s-surmast qal dak kollu li sab miktub fil-kotba. Taf
" x'ġieni f'moħħi: x'ħajja dik ta' bla tbatija li tgħaddi l-ispon-
" ża, ikel u xorb ġej dejjem bla taħbit xejn, aħna, jaħasra,
" malli jkun binha l-għatx ikollna ndaħħlu idna fil-but biex
„ nieħdu qatra."

—Kullħadd daħak għal ħlieqa ta' Doru u l-mast daħak magħhom għax ma stenniehx joħroġ b'diċ-ċajta, lil Doru.

Nazju tal-klarinett li kien irid dejjem iżid xi ċoff ma' dak li jisma' qam fuq tiegħu.

—" Surmast," qal lis-sur Ġan-Nikol, Taħfirli jekk ingħid kelma fuq l-isponoż, mhux ħwejjeġ li qrajt fil-kotba, għax jien qajla naqra, ħwejjeġ li ġraw lili.

Jien, bħal nisrani li jien, nemmen li l-isponża fil-baħar imwaħħla mal-blat u ma timxix, imma l-isponoż li nixtru għad-dar jimxu fuq li jimxu. Isma' ftit x'għadda minn għalija u ara tiġix miegħi?

Darba ħatni Gawdenz li kien isiefer fuq tal-gwerra mita ġie l-ura minn Salonikk, ġiebli sponża daqs il-kappell ta' rasek. Issa jekk kienx xtraha, sabha, ħatafha, ma nafx, naf biss li tahieli. X-aktar ried jeħles minnha imma din affarih; lili għoġbitni u dendiltha quddiemi f'ħoġor it-tieqa, fejn kulljum ninħasel, b'lazz aħmar, imgħoddi minn ġo nofsha.

Bejn li kull tant kont ninħasel biha u bejn li kulljum kont nilmaħha mdendla, dil-maqtuxa ta' sponża drajtha ġmieli. Għodwa waħda l-isponża ma sibtiex u la fit-tieqa u l-anqas fil-kamra. Qtajt qalbi nfittex aktar u billi ħadd ma qal li raha tlaqt il-barra. Fil-bitħa nilmaħ it-tifel inaddaf il-bajskil li kien għadu kif xtara biex imur bih għand l-imgħallem u, oħroġ il-għaġeb, fil-barmil li kellu ma' ġenbu nilmaħ l-isponża, bil-lazz aħmar u kollox, tgħum ġewwa l-ilma.

—" Din mhix l-isponża tiegħi?" staqsejt lit-tifel.

—" Hekk donnha," weġibni. " Jiena u nnaddaf ir-rota nara l-isponża fl-ilma." Kif ġiet ma nafx."

—Ruħi ibni, it-tifel donnu kien indehex għax bħali ma kienx jaf li l-isponoż jimxu. Bqajna t-tnejn skantati nħarsu lejn xulxin. Domna xi ġimgħa nkewtlu u nħabblu moħħna fuq il-mixi ta' din l-imbierka ta' sponża sa kemm ma ħsibniex aktar fiha u jien xtrajt oħra minn għand dak il-Bormliż li jiġi hawn kulltant imdawwar bl-isponoż bħal dawk li f'xi fiera jkunu mdawrin bil-bżieżaq ħomor tal-lastku biex iħajjru lit-tfal jixtru.

Kienet sponża mgerrbha donnha ballun, bajda lift u ratba ħaxu. Lil Salvina, it-tijla l-kbira, għoġbitha wisq. Donna qalbha ħebritha għax qaltli: "Pa żommha fil-kaxxun għax għandha mnejn timxilek bħall-oħra."

—Huwa tgħid kollha jimxu? għedt jien, imma għalaqtha fl-armarju ta' wara l-kamra tar-rqad għalli jista' jkun.

Il-Ħadd ta' wara nidħol, ma nafx għalfejn, fil-kamra tat-tifla u mrassha wara l-fliskatur, nara l-isponża li kont għadni kif xtrajt.

—Din kif waslet hawn Salvina?

--Lili tistaqsinix għax ma nafx. Sal-bieraħ ma kenitx hawn. Dalgħodu nilmaħ fuq il-gradenza l-isponża tiegħek maġenb važett bl-ilma li kien fih xi żewġ wardiet. Donnu ġieba ta' barra minn hawn jew ġiet hi weħidha għax xtaqet tidħol fl-ilma. Għax jaħasra kienet niexfa qoxqox; donnok int ma kontx xarrabtha qatt mindu xtrajtha."

—Hekk kien, għax kont għadni ma wżajthiex, imma qatt ma bsart li sejra toħroġ mill-armarju biex tfittex l-ilma.—" Tikber u titgħallem"—għe lt lil Salvina—"Mur aħseb li l-isponoż għandhom dehen hekk kbir li ma tistâx tafdahom f'lok xott. "Aħseb fiha int dik l-isponża binti għax għandi ma ridhiex, stkerraħta biex trid tkun taf."

—Surmast għalhekk għedtlek li għâd li fil-baħar l-isponoż aktarx, kif għedt int, ikunu mwaħħla mal-art, mita ndaħħluhom f'darna jimxu, jien, uliedi u l-mara xhud.

—Saħħa għalikom għax għamel il-ħin... u Nazju talla' l-għonq tal-ġlekk sa taħt widnejh, għaddas il-beritta ġo rasu u telaq il-barra qalb it-tpespis u d-daħk tal ġemgħa kollha. L-anqas ħares il-fuq huwa u niżel it-taraġ tal-każin mita Fidiel għajjat minn fuq il-balavostri:

" Nazju ara titfixkel fl-isponża tagħna għax bħal dal-ħin tkun ħierġa biex tixrob fuq il-għajn tal-misraħ."

Nazju daħak u għab.

T. Z.